Australian Red Cross
THE POWER OF HUMANITY

# KIF AĦNA NGĦINU

# Telecross

## Telefonata ta' kuljum b'xejn ta' assigurazzjoni lil dawk li jgħixu waħidhom



Ritratt: Helen White

**Jgħin lil nies biex jibqgħu indipendenti fi djarhom**

## Dwar Telecross

B'aktar nies akbar fl-età jgħixu waħidhom, Red Cross qed jgħin lill-Awstraljani akbar fl-età jibqgħu f'kuntatt mal-komunità tagħhom u jgħixu indipendenti fi djarhom stess.

Telecross huwa programm komunitarju li jipprovdi telefonata kuljum b'xejn ta' assigurazzjoni lil dawk li jgħixu waħidhom biex jikkonfermaw li huma salvi u jinstabu tajbin. Is-servizz jaħdem 365 ġurnata fis-sena mal-Awstralja u ilu jopera b'suċċess għal aktar minn 20 sena.

Kuljum eluf ta'nies li jgħixu waħidhom ikunu kkuntattjati minn voluntieri mħarrġa tar-Red Cross.

Għalkemm huma l-biċċa l-kbira tan-nies akbar fl-età li jużaw is-servizz tagħna ta' Telecross, nies b'diżabbiltajiet jew klijenti iżgħar fl-età dipendenti medikament, jistgħu jkunu wkoll eliġibbli. Telecross jista' jkun ipprovdut ukoll lil dawk li jkollhom bżonn għajnuna temporanja waqt perjodu ta' rijabilitazzjoni jew meta l-kerer primarju ikun nieqes.

## Riċevar ta' telefonata b'xejn kuljum

Jekk ma jkollokx aċċess għal telefon fiss, nistgħu ngħinuk biex tikseb aċċess permezz ta' provditur tas-servizz mingħajr ħlas dejjem jiddependi miċ-ċirkustanzi. Jekk tixtieq li tirċievi telefonata kuljum , kull m'għandek tagħmel huwa li timxi ma' dawn il-passi ħfief:

**1 – Staqsi**

- billi ċċempel l-eqreb uffiċċju tiegħek tar-Red Cross jew
- billi tibgħat emejl f' nswtelecross@redcross.org.au

**2 – Agħmel appuntament għal żjara fid-dar u assessjar**

Red Cross jikkuntattjawk biex:

- jiffissaw ħin biex iżuruk id-dar
- jiġbru informazzjoni biex timtela l-applikazzjoni tiegħek u
- jipprovdulek informazzjoni dwar is-servizz u kif jaħdem il-programm.

Red Cross imbagħad jassessjaw l-applikazzjoni tiegħek biex jaraw jekk intix eliġibbli.

**3 – Ibda rċievi t-telefonati tiegħek kuljum**

Wara li l-applikazzjoni tiegħek tkun approvata tibda tirċievi t-telefonati tiegħek fil-għodu minn voluntier tar-Red Cross.

# KIF AĦNA NGĦINU

**Saru 'l fuq minn miljun telefonata minn 4,500 voluntier is-sena l-oħra**

## Kif issir voluntier

Li ssir voluntier huwa ta' sodisfazzjon kbir. Jgħinek twessa' l-kapaċitajiet tiegħek u tgħin lil oħrajn fil-komunità. Ikun ipprovdut taħriġ sħiħ u sapport kontinwu.

Voluntiera ta' Telecross bħalissa jkunu mqassma biex jaħdmu fuq bażi ta' kull xahar biex jagħmlu telefonata jew tnejn qosra lil klijenti bejn it-8am u d-9am kull filgħodu mill-kumdità ta' darhom stess jew mill-uffiċċju.

Għandna numru ta' voluntiera minn negozji li jagħmlu wkoll telefonati kuljum lil nies fid-dar.

Għal aktar informazzjoni dwar kif issir voluntier ta' Telecross, jekk jogħġbok ibgħatilna emejl jew ikkuntattja l-eqreb uffiċċju tiegħek tar-Red Cross .



Ritratt: Helen White

## Informazzjoni għal kuntatt

**Email: nswtelecross@redcross.org.au**

**Sydney**
Red Cross House
159 Clarence Street
SYDNEY NSW 2000
Tel: 02 9229 4222 jew
02 9299 6777

**Kosta Ċentrali (Central Coast )**
Chapman House
Henry Wheeler Place
GOSFORD NSW 2250
Tel: 02 4324 3411

**Murray Riverina**
Cnr. Olive &
Guinea Streets
ALBURY NSW 2640
Freecall: 1800 422 717
Tel: 02 6041 2190

**Southern (Nofs in-Nhar)**
6 Foley Street
GWYNNEVILLE
NSW 2500
Freecall: 1800 621 433
Tel: 02 4227 3433

**Sydney Akbar tal-Punent (Greater Western Sydney)**
Level 1, Suite 105
30 Cowper St,
PARRAMATTA NSW 2150
Freecall: 1800 352 220
Tel: 02 9229 4272

**Hunter**
Level 2,
165 Lambton Road
BROADMEADOW
NSW 2292
Freecall: 1800 660 066
Tel: 02 4941 3217

**Tat-Tramuntana (Northern)**
130 Keen Street
LISMORE NSW 2480
Freecall: 1800 150 058
Tel: 02 6622 0788
jew 02 6622 3244

**Tal-Punent (Western)**
85 Wingewarra Street
DUBBO NSW 2830
Freecall: 1800 088 586
Tel: 02 6884 7057

Jekk ikollok bżonn ta' interpretu, jekk jogħġbok ċempel lill-eqreb uffiċċju tar-Red Cross viċin tiegħek u ħalli ismek, in-numru ta' kuntatt u l-lingwa li trid titkellem u aħna nirranġaw biex inċemplulek lura

Telecross huwa ffinanzjat parzjalment mid-Dipartiment tal-Anżjanità, Diżabilità u Kura fid-Dar ta' NSW.
Ippubblikat mir- Red Cross Awstraljan, Diċembru 2008